MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2007

Avviz Numru. 150/2005

**Carmel sive Charles Cuschieri**

**vs**

**Joe Camilleri**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz fuq indikat datat is-17 ta’ Marzu tas-sena 2005 li permezz tieghu l-attur sejjah lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m’ghandux ikun ikkundannat:

1. Illi jhallas lill-attur is-somma ta’ elfejn, erba’ mija u tmienja u ghoxrin Lira Maltin u sebgha u sittin centezmu, (LM2,428.67,0), dovuta lill-attur mill-konvenut bhala bilanc ta’ drittijiet professjonali ghal servizzi professjonali forniti;

2. Bl-imghax dekorribbli mis-7 ta’ Marzu tas-sena 2005 sad-data ta’ l-effettiv pagament u bl-ispejjez komprizi dawk tal-mandat ta’’sekwestru numru 587/2005 u tal-mandat ta’ sekwestru l-hrug ta’ liema gie mitlub kontestwalment mal-prezentata ta’ dana l-att;

3. Illi l-konvenut hu ngunt sabiex jidher ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet datata t-12 ta’ April tas-sena 2005 li permezz taghha l-konvenut ecepixxa s-segwenti;

1. Illi l-esponenti dejjem ried ihallas l-ammont mitlub hlief it-tmien mija u erbghin Lira Maltin, (Lm840.00,0), li huwa ammont li l-partijiet ma kienux ftehmu fuqu kif ukoll l-ammont ta’ mitejn tnejn u mitejn Lira Maltin u sebgha u sittin centezmu (LM222.67,0), li peress li l-kont ma kienx ghadu miftiehem fuqu l-imghax ma kienx dovut;

2. Illi minghajr pregudizzju l-esponenti ser ihallas l-ammont mhux kontestat u ghalhekk l-ammont ser jigi ridott;

3. Illi l-ammont kontestat huwa hekk peress li l-partijiet kienu ftiehmu fuq hlas bi percentagg u qatt ma ftiehmu fuq xi spejjez zejda jew ohra;

4. Illi l-ispejjez tal-mandat kienu superfluwi stante li l-esponenti ma huwiex xi bniedem li ma ghandux flus jew proprjeta’ u ghalhekk huwa vessatorju;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni finali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti kif svelati mill-attur jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti;

1. Illi l-attur huwa inginier u konsulent f'dan il-qasam;

2. Illi l-ammont mitlub mill-attur hu dovut lilu mill-konvenut wara li dan ta' l-ahhar kien ta' struzzjonijiet lill-attur biex jassistieh prefessjonalment fuq progett stante li dan l-istess progett kien imperattiv li jkun esagwit that l-assistenza t'inginier;

3. Illil-ftehim konkluz mill-partijiet kien li l-attur jithallas 5% ta' dak li l-konvenut jithallas mill-partijiet li kienu originarjament inkarigati bil-progett de quo;

4. Illi dan il-ftehim kien wiehed verbali;

5. Illi l-attur beda jforni l-assistneza tieghu abbazi tal-ftehim verbali milhur u ghal bidu l-konvenut beda jeffettwa l-pagamenti minnu dovuti lill-attur skond l-istess ftehim;

6. Illi effettivament ix-xoghlijiet dovuti gew regolarment terminati f'nofs l-2004;

7. Illui pero' l-attur isostni li l-ahhar pagament li rceva min ghand il-konvenut jirrizulta li kien f'April tas-sena 2003;

8. Illi nonostante diversi tentattivi biex jigi saldat l-ammont dovut lill-attur, il-konvenut baqa' ma espletax l-obbligu tieghu;

9. Illi pero' kien wieghed lill-attur li kien ser ihallsu wara li jircievi l-ahhar pagament minghand il-partijiet li kienu inkarigawh;

10. Illi nonostante dan, wara li l-partijiet involuti effettwaw l-ahhar pagament dovut, il-konvenut baqa' ma hallasx lill-attur il-pagamenti dovuti;

11. Illi a bazi tad-dokumentazzjoni kopjuza pprezentata mill-attur din il-qorti hi sodisfatta li l-ammont indikat mill-attur fl-avviz minnu pprezentat hu riflessjoni ezatta ta' l-ammont lilu dovut tas-servizzi minnu rezi lill-konvenut;

12. Illi in vista tal-fatt li baqa' ma thallasx l-ammont pattwit, l-attur kellu jaddivjeni lil din il-qorti biex issirlu gustizzja;

Ikkunsidrat:

Illi l-verzjoni tal-konvenut tista' tigi sintetikament kompilata bil-mod segwenti:

1. Illi hu kien inkarigat biex jaghmel xoghol ta' l-elettriku fil-Knisja ta' Sant'antnin ta' Birkirkara;

2. Illi peress li x-xoghol kien jirrikjedi certifikazzjoni ta' inginier, akkreditat il-konvenut inkariga lill-attur biex jassistieh;

3. Illi l-ftehim bejn il-partijiet ghall-pagament tas-servizzi ta' l-inginier kien ibbazat fuq percentagg;

4. Illi l-konvenut qed jipprotesta kontra t-talba attrici stante li qed isostni li l-attur ma kellux johrog kont iehor ghall-pjanti;

5. Illi in effetti l-konvenut stess isostni li kellu rizervi biss fuq l-ammonti indikati fl-ewwel paragrafu ta' l-eccezzjonijiet tieghu u kien ghalhekk li pprovoka din il-procedura;

Ikkunsidrat;

Illi d-dizgwid naxxenti bejn il-partijiet hu rizultat ta' ftehim verbali konkluz bejniethom rigwardanti xoghlijiet ta' l-

elettriku li saru fil-knisja fuq indikata fuq inkarigu tal-patrijiet li jiggestixxu l-imsemmija knisja;

Illi l-konvenut qed jammetti li ghandu jaghti ammont kospikwu lill-attur izda mhux qed jaqbel li ghandu jhallas ammont ta’ flus ghall-pjanti esegwiti mill-attur;

Ikkunsidrat:

Illi n-natur tax-xoghol esegwit mill-attur jirrikjedi l-esekuzzjoni ta’ pjanti professjonali u dan ghar-ragunijiet kemm ta’ pratticita’ meta jinqala’ xi hsarat u ta’ sikurezza;

Illi l-esekuzzjoni ta’ l-istess pjanti hi ghalhekk parti integrali w essenzjali mix-xoghlijiet esegwiti mill-attur, u kemm –il darba dan ma jezegwihomx mhux biss ikun qed jonqos professjonalment izda jkun zgur ta’ perikolu fil-futur ghal kul min jista’ jeffettwa xi interventi fis-sistema;

Illi hi proprju ghalhekk li din il-professjoni tkun rikjesta, altrimenti x-xoghlijiet isiru b’nuqqas serju ta’ professjonalita’ b’perikolu ghal kull min ikun xi konnessjoni jew prossimita’ ma dan ix-xoghol;

Ikkunsidrat:

Illi inoltre, wara li ezaminat id-dokumenti riprodotti a fol 16 sa 49 din il-qorti hi konvinta mhux biss mill-professjonalita’ ta’ l-attur izda mir-rettitudini tieghu fl-operat kollu involut;

Ghaldaqstant din il-qorti tirrespingi l-eccezzjonijiet tal-konvenut u filwaqt li takkolji t-talbiet attrici:

1. Tiddikjara li l-konvenut Joe Camilleri hu responsabbli ghal hlas tal-bilanc dovut lill-attur Carmel sive Charles Cuschier ta’ drittijiet professjonali ghas-servizzi minnu rezi fuq il-ftehim verbali ta’ bejniethom rigwardanti x-xoghol t’inginerija in dizamina;

2. Tillikwida dan il-bilanc dovut fl-ammont ta’ elfejn erba’ mija u tmienja u ghoxrin Lira Maltin u seba’ u sittin centezamu, (LM2,428.67,0);

3. Tikkundanna lill-konvenut fuq indikat biex ihallas l-ammont bilancjali hekk likwidat lill-attur Carmel sive Charles Cuschieri, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti skond il-ligi.

Marisa Borg
Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------